MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Numru 1002/2011

Il-Pulizija
(Spettur Anna Marie Micallef)

vs

Ramon Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 544185M, akkuzat talli fis-26 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tas-seba' ta' fil-ghaxija fi Triq Sir William Reid, Gzira:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè vettura ta' l-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni LAN875, a detriment ta' Simon Borg, liema hsara ma tiskorriex l-elf

mija u erba’ u sittin Ewro u disa’ u sittin centezmu (1,164.69 Ewro) imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u seba’ u erbghin centezmu (116.47 Ewro).
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja u jew hedded lil Simon Borg bil-kliem.
3. fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni li insista fuqa anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Semghet ix-xhieda.

Fuq l-iskorta taghha u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu u tiddikjarah hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum wara li rat l-Artikolu 325(b) u 17(d) tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------